**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 28 ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru : 543/2018 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**CS**

**vs**

**TS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' CS, datat 6 ta' Diċembru 2018, a fol 1 et seq, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu nhar id-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elf disgħa mija u sitta u disgħin (1996) u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dokument A'.*

*Illi l-partijiet ilhom separati sa mill-erbgħa (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bħala 'Dokument B' li effetivament saret emmenda tiegħu fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono nhar il-ħmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018), kopja anness bħala 'Dokument C'.*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn qabel is-sena elfejn u erbatax (2014) u dana kif ser jiġi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżewwġin.*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-***Artikolu 66 B** *tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant r-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie iċċelebrat nhar id-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elf disgħa mija u sitta u disgħin (1996).*

*2, Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u tal-avviż tas-smiegħ ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' TS, datata 4 ta' Jannar 2019,  a fol 22, li taqra hekk:

1. *Illi hija ma toġġezzjonax għat-talbiet tar-rikorrenti, madankollu ma għandhiex tbati spejjeż tal-proċedura stante illi l-proċedura qegħda ssir għall-benefiċċju esklussiv tar-rikorrenti.*

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawża.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B u 66 C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

**Ikkonsidrat**:

**CS** xehed bl-affidavit (fol 26) illi huwa ilu sseparat minn mal-mara tiegħu sa' mill-erbgħa (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) u dan permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, Xehed illi pero huma ilhom separati de facto sa minn qabel is-sena elfejn u erbatax (2014). Illi ma hemm l-ebda prospett li huwa jirrikonċilja mal-mara u illi t-tnejn li huma kellhom relazzjonijiet ma' terzi u jgħixu l-ħajja indipendenti tagħhom. Arretrati ta' manteniment ma hemmx.

**TS** xehdet (fol 30) illi hija iżżewġet lil CS fid-19 ta' Ottubru 1996, u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal. Wieħed għandu tmintax-il sena u għadu jistudja; l-oħra għandha tnax-il sena. Hija xehdet li hija ma tieħux manteniment għaliha, għaliex it-tifla kienet tgħix ma' missierha pero issa marret tgħix magħha u qegħdin fil-proċess li jirregolaw il-manteniment. Xehdet illi hija separata minn żewġha u li hija kienet telqet mid-dar f'Marzu tal-2016. Il-kuntratt ta' separazzjoni ġie iffirmat xi tliet xhur qabel ma hija telqet mid-dar.

**CS** xehed (fol 33) illi huwa iżżewweġ lil TS fid-19 ta' Ottubru 1996, u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal. Illi huwa u martu isseparaw (kuntratt ta' separazzjoni, fol 6) datat 4 ta' Mejju 2016. Huwa u martu ilhom jgħixu separatament mill-2014. Xehed illi ma hemmx ordni tal-Qorti dwar il-manteniment. Skond l-ewwel kuntratt, it-tfal kellhom jgħixu miegħu. Fil-fatt, it-tifla baqgħet tgħix miegħu pero t-tifel mar jgħix mal-mara, għalhekk kellhom jagħmlu korrezzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni. Eventwalment, it-tifla telqet ukoll minn miegħu f'Ottubru 2018 u marret tgħix mal-mara tiegħu. Ordni dwar manteniment ma hemmx. Xehed illi minn Ottubru 'l hawn ma tax manteniment lill-mara għat-tifla, pero kien jagħti l-flus lit-tifla, pero dan mhux b'ordni tal-Qorti. F'Novembru huwa ta lit-tifla € 200, u qabel dan kien taha xi € 150. Din it-tifla għadha l-iskola. Il-medjazzjoni bdiet.

Illi b'verbal tat-18 ta' Ottubru 2019 (fol 33) il-partijiet infurmaw lill-Qorti illi pendenzi ta' manteniment ma hemmx.

**Ikkonsidrat**:

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-19 ta' Ottubru 1996 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt itfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Josef Christian Masini Vento, datat 4 ta' Mejju 2016 (vide Dok. B fol 6 et seq.) kif modifikat fil-15 ta' Frar 2018 (fol 14) u kif emendat fit-22 ta' Awwissu 2019. L-attur

jippremmetti fir-rikors promotur illi *'l-partijiet ilhom separati de facto minn qabel is-sena elfejn u erbatax (2014) u dana kif ser jiġi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża'* CS xehed bl-affidavit (fol 26) - u dan mhux kontradett - illi l-partijiet ilhom separati de facto sa minn qabel is-sena elfejn u erbatax (2014). Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi mhemmx pendenzi rigward ħlas ta' manteniment bejn il-partijiet, għaliex din ġiet riżolta fil-mori tal-kawża.

Il-Qorti tqis inoltre illi ġie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Għalhekk jirriżulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet, tippronunza il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien xahar mill-llum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**